

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > [Ireland](#)

Spejjeż

Il-kontenut ipprovdut minn
Irlanda

Irlanda



Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji fl-Irlanda.

Qafas regulatorju li jirregola l-onorarji tal-professjonijiet legali

Solicitors

Il-bażi li fuqha jitħallsu l-onorarji lis-solicitors tista' tiġi kkategorizzata f'termini ta' materji kontenzjużi (jiġifieri konsulenza u rappreżentanza fir-rigward ta' tilwim quddiem qorti, tribunal jew arbitru) u materji mhux kontenzjużi. F'dak li jirrigwarda l-materji kontenzjużi, l-ispejjeż jistgħu jerġgħu jiġu kkategorizzati fi spejjeż tas-solicitor u tal-klijent (jiġifieri l-ispejjeż li jridu jitħallsu mill-parti lis-solicitor tagħha) u spejjeż ta' parti u parti (jiġifieri spejjeż mogħtija lil parti fil-proċedimenti kontra parti oħra f'dawk il-proċedimenti).

Materji kontenzjużi

Leġiżlazzjoni prinċipali primarja*

- Attorneys' and Solicitors' Act 1849;
- Attorneys' and Solicitors' Act 1870;
- L-Artikolu 68 tas-Solicitors' (Amendment) Act 1994;
- L-Artikolu 94 tal-Courts of Justice Act 1924;
- L-Artikolu 78 tal-Courts of Justice Act 1936;
- Il-Paragrafu 8 tat-Tmien Skeda tal-Courts (Supplemental Provisions) Act 1961;
- L-Artikolu 17 tal-Courts Act 1981;
- L-Artikolu 14 tal-Courts Act 1991;
- L-Artikolu 68 tas-Solicitors' (Amendment) Act 1994;
- L-Artikoli 27 u 46 tal-Courts and Court Officers Act 1995.

Leġiżlazzjoni prinċipali sekondarja*

- Ir-regoli 4, 6 u 14(3) tal-Ordni 22; Ir-regola 1A tal-Ordni 27, l-Ordni 99 u l-Appendiċi W tar-Rules of the Superior Courts;
- Ir-regoli 14, 15 u 21 tal-Ordni 15 u l-Ordni 66 tas-Circuit Court Rules;
- L-Ordnijiet 51 u 52 u l-Iskeda E tad-District Court Rules;

Ġurisprudenza

- Deċiżjonijiet tal-qradi li jinterpretaw il-leġiżlazzjoni kkonċernata

Materji mhux kontenzjużi

Leġiżlazzjoni prinċipali primarja*

Solicitors' Remuneration Act 1881.

Leġiżlazzjoni prinċipali sekondarja*:

- Solicitors' Remuneration General Order 1884;
- Solicitors' Remuneration General Order 1960;
- Solicitors' Remuneration General Order 1964;
- Solicitors' Remuneration General Order 1970;
- Solicitors' Remuneration General Order 1972;
- Solicitors' Remuneration General Order 1978;
- Solicitors' Remuneration General Order 1982;
- Solicitors' Remuneration General Order 1984;
- Solicitors' Remuneration General Order 1986;
- Ir-Regoli 210 u 239, Land Registration Rules, 1972.

Ġurisprudenza

- Deċiżjonijiet tal-qrati li jinterpretaw il-leġiżlazzjoni kkonċernata

* Ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni huma għall-Att, l-Ordni jew ir-Regoli kkonċernati kif emendati. Wieħed jista' jara l-leġiżlazzjoni ta' wara l-1922 fuq l-[Irish Statute Book online](#) u mis-sit elettroniku tal-[Houses of the Oireachtas](#).

Lawyers

"Lawyers" tiddekrivi b'mod kollettiv iż-żewġ kategoriji ta' avukati fis-sistema legali Irlandiża, jiġifieri solicitors u barristers.

Barristers

L-onorarji tal-barristers jitqiesu bħala żborż mis-solicitor li jirċievi l-fattura għalihom, u b'hekk jitqiesu bħala żborż mis-solicitor u huma regolati bil-leġiżlazzjoni li tirregola l-onorarji tas-solicitors u deċiżjonijiet tal-qrati li jirrigwardaw l-allowance li għandha ssir għall-onorarji tal-konsulenti legali: ara, b'mod partikolari l-Artikolu 27 tal-Courts and Court Officers Act 1995 u Kelly vs Breen [1978] I.L.R.M. 63; State (Gallagher Shatter & Co.) vs de Valera [1991] 2 I.R. 198; f'Superquinn vs Bray U.D.C. (Nru. 2) [2001] 1 I.R. 459

Bailiffs

L-onorarji tax-sheriff, tal-messaġġier tal-qorti u tal-bailiffs għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' eżekuzzjoni tal-qorti huma regolati bix-Sheriff's Fees and Expenses Order, 2005 u jinkludu wkoll dispożizzjoni għall-onorarji li għandhom jitħallsu mal-preżentata tal-ordni ta' eżekuzzjoni u t-taxxa, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, it-tneħħija u l-ħażna/il-kustodja ta' oġġetti jew bhejjem maqbuda.

Advocates

Ma hemmx kategorija separata ta' avukat magħruf bħala "advocate" fis-sistema legali Irlandiża.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fil-proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-kawża fil-proċedimenti ċivili

Bl-eċċezzjoni tal-elementi stabbiliti fir-regola 1A(3) u fir-regola 9 tal-Ordni 27 (spejjeż li jridu jitħallsu minn parti li tippreżenta sottomissjoni wara li l-parti l-oħra tkun ressqet rikors biex tingħata sentenza f'każ li ma tiġix ippreżentata dik is-sottomissjoni) u fl-Appendiċi W tar-Rules of the Superior Courts u fl-Iskeda E tad-District Court Rules, l-elementi tal-ispejjeż huma ġeneralment diskrezzjonali.

L-ispejjeż li jridu jitħallsu jinkludu wkoll żborżi bħal tariffi tal-qorti, li huma ffixxati bl-Ordnijiet dwar it-Tariffi tal-Qorti Suprema u tal-Qorti Għolja, taċ-Circuit Court u tal-Qorti Distrettwali, rispettivament.

Għal aktar informazzjoni, ara [r-rati tat-tariffi tal-qorti](#).

Stadju tal-proċedimenti ċivili meta jridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

Fil-każ tar-regola 1A(3) u r-regola 9 tal-Ordni 27 (spejjeż li jridu jitħallsu minn parti li tippreżenta sottomissjoni wara li l-parti l-oħra tkun ressqet rikors biex tingħata sentenza f'każ li ma tiġix ippreżentata dik is-sottomissjoni), l-ispejjeż iridu jitħallsu malli jiġi miċħud ir-rikors biex tingħata sentenza f'każ li ma tiġix ippreżentata s-sottomissjoni kkonċernata.

L-elementi tal-ispejjeż imniżżla fl-Appendiċi W tar-Rules of the Superior Courts, huma rekuperabbli:

- mis-solicitor mill-klijent malli jirċievi l-kont tal-ispejjeż xahar wara li jirċievi l-kont jekk il-klijent ma jkunx sa dak iż-żmien talab l-intaxxar (stima) tal-kont (l-Artikolu 2 tal-Attorneys' and Solicitors' Act 1849). Madankollu, il-klijent għandu fi kwalunkwe każ perjodu ta' 12-il xahar minn meta jirċievi l-kont biex jitlob u jikseb l-intaxxar. Wara li jiskadu t-12-il xahar jew wara li jsir il-ħlas tal-kont, il-Qorti tista' tirreferi l-kont għall-intaxxar, jekk iċ-ċirkostanzi speċjali tal-kawża juru li dan ikun meħtieġ, sakemm ir-rikors lill-Qorti isir fi żmien 12-il xahar kalendarju wara l-ħlas;
- meta parti tirbaħ il-kawża bl-ispejjeż kontra l-parti l-oħra, mal-ħruġ ta' ċertifikat tal-intaxxar tal-ispejjeż jew f'konformità ma' kwalunkwe ftehim li jkun intlaħaq bejn il-partijiet dwar il-ħlas.

L-elementi tal-ispejjeż imniżżla fl-Iskeda E tad-District Court Rules, għandhom jitħallsu:

- meta tingħata sentenza fil-kontumacia, mill-parti kontumaċi mal-għoti tas-sentenza fil-kontumacia
- f'każ ta' spejjeż oħra, mill-parti li tkun ordnata mill-qorti biex tħallas l-ispejjeż, malli l-qorti toħroġ digriet dwar dawk l-ispejjeż.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-kawża fil-proċedimenti kriminali

Ma hemm l-ebda spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali. Ma jiġux imposti tariffi tal-qorti fil-proċedimenti kriminali.

(Il-Qorti Distrettwali, fi proċedimenti kriminali sommarji, tista' tordna li l-ispejjeż jitħallsu minn parti ħlief jekk din tkun id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi jew uffiċjal prosekutur tal-pulizija. Iċ-Circuit Court u l-Qorti Kriminali Ċentrali (il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni biex jjsimgħu kawżi li jibdew b'att tal-akkuża) għandhom diskrezzjoni li jiddeċiedu fuq l-ispejjeż:

- f'każ ta' liberazzjoni (liema deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali);
- meta l-att tal-akkuża jkun fih materjal li ma jkunx meħtieġ, jew ikun twil iżżejjed, jew inkella jkun materjalment difettuż,
- meta s-smiġħ jiġi differit minħabba emenda f'att tal-akkuża; jew
- meta jiġi ordnat proċess separat fuq kap tal-att tal-akkuża).

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-kawża fil-proċedimenti kostituzzjonali

Il-ġurisdizzjoni fil-proċedimenti kostituzzjonali hija ristretta għall-Qorti Għolja u l-Qorti Suprema. L-ebda spiża jew skema ta' tariffi speċjali ma tapplika għal dawn il-proċedimenti. L-ispejjeż fissi li jistgħu jkunu permessi f'dawn il-proċedimenti huma dawk previsti fl-Appendiċi W tar-Rules of the Superior Courts. It-tariffi tal-Qorti li jridu jitħallsu huma dawk iffissati fis-Supreme and High Court (Fees) Order.

Għal aktar informazzjoni ara r-[rati tat-tariffi tal-qorti](#).

Stadju fil-proċedimenti kostituzzjonali meta jridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

It-tariffi tal-Qorti ġeneralment iridu jitħallsu mal-preżentata tad-dokument konċernat.

Informazzjoni li trid tingħata minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obligi tal-partijiet

L-Artikolu 68 tas-Solicitors' (Amendment) Act 1994 jipprovdi:

1. "68.—(1) Kif jirċievi struzzjonijiet biex jipprovdi servizzi legali lil klijent, jew malajr kemm jista' jkun wara dan, solicitor għandu jipprovdi lill-klijent id-dettalji bil-miktub dwar:
 1. il-ħlasijiet attwali, jew
 2. meta ma jkunx possibbli jew prattiku fiċ-ċirkostanzi li jingħataw dettalji dwar il-ħlasijiet attwali, stima (preċiża kemm jista' jkun) tal-ħlasijiet, jew
 3. meta l-għoti ta' dettalji tal-ħlasijiet attwali jew ta' stima ta' dawn il-ħlasijiet ma jkunx possibbli jew prattiku fiċ-ċirkostanzi, il-bażi li fuqha għandhom isiru l-ħlasijiet, minn dak is-solicitor jew mill-kumpanija tiegħu għall-għoti ta' servizzi legali bħal dawn u, fejn dawk is-servizzi legali jinvolvu materji kontenzjużi, bid-dettalji bil-miktub taċ-ċirkostanzi li fihom il-klijent jista' jkun meħtieġ iħallas l-ispejjeż lil xi parti jew partijiet oħra u ċ-ċirkostanzi, jekk ikun hemm, li fihom ir-responsabbiltà tal-klijent biex iħallas il-ħlasijiet imposti mis-solicitor ta' dak il-klijent għas-servizzi ma jitħallsux kollha b'dak l-ammont, jekk ikun hemm, tal-ispejjeż irkuprati fil-materji kontenzjużi minn xi parti jew partijiet oħra (jew mill-assiguraturi ta' dik il-parti jew ta' dawk il-partijiet).
2. Solicitor ma għandux jaġixxi għal klijent b'konnessjoni ma' xi materji kontenzjużi (li ma jkunux konnessi ma' proċedimenti li jsiru biss biex jiġi rkuprat xi dejn jew ammont likwidat) fuq il-bażi li l-ħlasijiet kollha imposti fuq il-klijent jew parti minnhom għandha tiġi kkalkulata bħala persentaġġ speċifiku jew proporzjon ta' kwalunkwe dannu jew ta' flejjes oħra li jistgħu jitħallsu jew li jkollhom jitħallsu lill-klijent, u kwalunkwe ħlas li jsir bi ksur ta' dan is-subartikolu ma jista' jiġi eżegwit f'ebda azzjoni meħuda kontra l-klijent għall-irkupru ta' dawk il-ħlasijiet.
3. Solicitor ma għandux inaqqas jew japproprja xi ammont, bħala pagament parzjali jew intier tal-ħlasijiet dovuti lill, mill-ammont ta' kwalunkwe dannu jew ta' flejjes oħra li jkollhom jitħallsu lil klijent ta' dak is-solicitor li jistgħu jirriżultaw minn materji kontenzjużi li jsiru f'isem dak il-klijent minn dak is-solicitor.
4. Is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandux jipprekludi lil solicitor milli jiftiehem ma' klijent fi kwalunkwe żmien illi ammont għall-ħlasijiet għandu jitħallas lill minn dannu jew flejjes oħra li jistgħu jitħallsu jew li jkollhom jitħallsu lill-klijent bħala riżultat ta' materji kontenzjużi li jsiru f'isem dak il-klijent minn dak is-solicitor jew mill-kumpanija tiegħu.
5. Kull ftehim skont is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu ma għandux ikun eżegwibbli kontra klijent ta' solicitor sakemm dak il-ftehim ma jsirx bil-miktub u jkun jinkludi stima (preċiża kemm jista' jkun) ta' dak li s-solicitor raġonevolment jemmen li jista' jiġi rkuprat minn kwalunkwe parti jew partijiet (jew xi assiguraturi ta' dik il-parti jew partijiet) fir-rigward l-ispejjeż ta' dak is-solicitor f'każ li l-klijent jirkupra kwalunkwe dannu jew flejjes oħra minn tali materji kontenzjużi.
6. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni legali oħra f'dak is-sens is-solicitor għandu juri f'kont tal-ispejjeż li jingħata lill-klijent, kemm jista' jkun malajr wara l-konklużjoni ta' xi materji kontenzjużi li jkun twettqu minnu f'isem dak il-klijent—
 1. sommarju tas-servizzi legali mogħtija lill-klijent b'rabta ma' dawk il-materji kontenzjużi,
 2. l-ammont totali ta' danni jew flejjes oħra rkuprati mill-klijent li jirriżultaw minn dawk il-materji kontenzjużi, u
 3. id-dettalji ta' parti mill-ħlasijiet jew il-ħlasijiet kollha li ġew irkuprati minn dak is-solicitor f'isem dak il-klijent minn kwalunkwe parti jew partijiet (jew assiguraturi ta' dik il-parti jew partijiet),
 4. u dak il-kont tal-ispejjeż għandu juri separatament l-ammonti fir-rigward tal-onorarji, l-infiq, l-iżborżi u l-ispejjeż imġarrba jew li jirriżultaw b'rabta mal-għoti ta' tali servizzi legali
7. Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jipprekludi persuna milli teżerċita kwalunkwe dritt eżistenti fil-liġi li teħtieġ li solicitor jippreżenta kont tal-ispejjeż għat-tassazzjoni, kemm jekk fuq bażi ta' kull parti għaliha u kemm fuq bażi ta' solicitor u l-klijent tiegħu, jew ma għandu jillimita d-drittijiet ta' kwalunkwe persuna jew tas-Society taħt l-Artikolu 9 ta' dan l-Att.
8. Meta solicitor ikun ħareġ kont tal-ispejjeż lil klijent fir-rigward tas-servizzi legali mogħtija u l-klijent ma jaqbilx mal-ammont (jew ma' kwalunkwe parti minnu) ta' dak il-kont tal-ispejjeż, is-solicitor għandu—
 1. jieħu l-passi meħtieġa biex isolvi l-kwistjoni bi ftehim mal-klijent, u
 2. jinforma l-klijent bil-miktub dwar —

i) id-dritt tal-klijent li jitlob lis-solicitor biex jippreżenta l-kont tal-ispejjeż jew kwalunkwe parti minnu lit-Taxing Master tal-Qorti Għolja biex jiġi intaxxat fuq il-bażi tas-solicitor u l-klijent tiegħu, u

ii) id-dritt tal-klijent skont l-Artikolu 9 ta' dan l-Att li jressaq ilment lis-Society li huwa ngħata kont tal-ispejjeż illi

huwa jqis li huwa eċċessiv.

1. F'dan l-Artikolu "ħlasijiet" tinkludi onorarji, inċi, żborżi u spejjeż.
2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw minkejja id-dispożizzjonijiet tal-Attorneys and Solicitors (Ireland) Act, 1849 u l-Attorneys and Solicitors Act, 1870."

Il-paragrafu 12.6 tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kunsill Ġenerali tal-Ordni Irlandiża jipprovdi:

"12.6 Meta jirċievi struzzjonijiet biex jipprovdi servizzi legali, jew malajr kemm jista' jkun wara dan, barrister għandu fuq talba, jipprovdi lis-solicitor li tah l-istruzzjonijiet, jew lill-klijent f'każ ta' aċċess skont l-Iskema ta' Access Professionali Dirett, b'dettalji bil-miktub li jikkonfermaw:

1. il-ħlasijiet attwali, jew
2. meta ma jkunx possibbli jew prattiku fiċ-ċirkostanzi li jingħataw dettalji dwar il-ħlasijiet attwali, stima (preċiża kemm jista' jkun) tal-ħlasijiet, jew
3. meta ma jkunx possibbli jew prattiku fiċ-ċirkostanzi li jingħataw dettalji dwar il-ħlasijiet attwali jew stima ta' dawk il-ħlasijiet, il-bażi li fuqha għandhom isiru l-ħlasijiet,

Il-format ta' dettalji bħal dawn għandha tkun fid-diskrezzjoni ta' kull barrister."

Sorsi tal-ispejjeż

Minn fejn nista' insib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fl-Irlanda?

Sib l-informazzjoni fis-sit elettroniku tal-[Uffiċċju tat-Taxing Master](#) u fil-letteratura li tista' titniżżel.

B'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni fuq is-sorsi tal-ispejjeż fl-Irlanda?

L-informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż hija disponibbli bl-Ingliż.

Minn fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

- L-Artikolu 7(1) tal-Judicial Separation and Family Law Reform Act, 1989 jipprovdi li, jekk jiġi ppreżentat rikors lill-qorti biex jinħareġ digriet ta' separazzjoni ġudizzjarja, il-qorti għandha tikkunsidra jekk ikunx hemm possibbiltà għal rikonċiljazzjoni bejn il-konjugi konċernati, u, għaldaqstant, tista' tiddifferixxi l-proċedimenti fi kwalunkwe żmien sabiex il-konjugi jingħataw l-oportunità, jekk ikunu jridu, biex jikkunsidraw il-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni bejniethom bi jew mingħajr l-assistenza ta' terzi.
- L-Artikolu 7(3) jagħti l-possibbiltà lill-qorti biex tiddifferixxi l-proċedimenti biex tagħti lill-konjugi l-oportunità, jekk ikunu jridu, biex jilħqu ftehim, bi jew mingħajr l-assistenza ta' terzi, fuq it-termini, sa fejn ikun possibbli, tas-separazzjoni.
- Is-subartikoli (1) u (3) tal-Artikolu 8 tal-Family Law (Divorce) Act 1996 fihom dispożizzjonijiet simili fir-rigward ta' proċedimenti ta' divorzju.
- L-Artikoli 15 u 16 tas-Civil Liability and Courts Act 2004 jipprevedu proċedura ta' medjazzjoni fir-rigward ta' tilwim dwar korrimenti personali.
- Ir-Regola 6(1)(xiii) tal-Ordni 63A u r-Regola 6(1)(xiii) tal-Ordni 63B jawtorizzaw lil imħallef tal-Lista Kummerċjali kif ukoll imħallef fi proċeduri ta' kompetizzjoni fil-Qorti Għolja, rispettivament, fuq rikors ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew fuq inizjattiva proprja, li jiddifferixxi l-proċedimenti jew kwalunkwe kwistjoni f'dawn il-proċedimenti għal tul ta' żmien, li ma jaqbiżx it-28 ġurnata, hekk kif l-imħallef iqis li huwa xieraq biex jagħti ċans lill-partijiet jikkunsidraw il-possibbiltà li jirreferu l-proċedimenti jew il-kwistjoni għal proċess ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew arbitraġġ, u meta l-partijiet jiddeċiedu li jirreferu l-proċedimenti jew il-kwistjoni, li jestendi ż-żmien biex kwalunkwe parti tkun tista' tottempera ruħha ma' kwalunkwe dispożizzjoni tar-regoli tal-qorti jew ma' kwalunkwe ordni tal-qorti.

Għal aktar informazzjoni dwar il-medjazzjoni, irreferi għas-sit web tal-[Aġenzija tal-Appoġġ għall-Familja](#).

Minn fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medja ta' tul ta' żmien li jieħdu

proċeduri differenti?

Għal iktar informazzjoni ara r-[Rapporti Annwali tas-Servizz tal-Qrati](#).

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Kif tinkiseb din l-informazzjoni? Liema huma r-rati applikabbli?

Irreferi għas-sit web tas-servizz tat-[Taxxa u Dwana Irlandiża](#).

Għajjnuna legali

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

Il-limitu tad-dħul nett f'kawżi ċivili hu ta' EUR 18 000, wara li jingħataw l-allowances fissi fir-rigward ta' dipendenti, akkomodazzjoni, taxxa u ħlasijiet tal-assigurazzjoni soċjali.

Għal iktar informazzjoni, ara s-sit web tad-[Dipartiment tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u r-Riforma tal-Liġi](#) u s-sit web tal-[Bord tal-Għajjnuna Legali](#).

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-imputati

L-[Iskema ta' Għajjnuna Legali Għal Kawżi Kriminali](#) li hija amministrata mid-Dipartiment tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u r-Riforma tal-Liġi tipprovdi li tista' tingħata għajjnuna legali b'xejn, f'ċerti ċirkostanzi, għad-difiża ta' persuni li ma għandhomx biżżejjed mezzi fil-proċedimenti kriminali. Ma hemmx limitu ta' dħul stabbilit. Persuna akkużata hija intitolata li tiġi infurmata mill-qorti li qed tidher quddiemha bid-dritt tal-possibbiltà li tingħata għajjnuna legali. L-għoti ta' għajjnuna legali tintitola lill-applikant għas-servizzi ta' solicitor u, f'ċerti ċirkostanzi, sa żewġ konsulenti, fil-preparazzjoni u t-tmexxija tad-difiża jew tal-appell tiegħu. Il-qrati, permezz tal-ġudikatura, huma responsabbli għall-għoti tal-għajjnuna legali. Rikors għall-għajjnuna legali jista' jitressaq quddiem il-qorti

1. personalment jew
2. mir-rappreżentant legali tal-applikant jew
3. permezz ta' ittra lir-Regjstratur tal-Qorti.

Applikant għall-għajjnuna legali jrid jistabbilixxi għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-mezzi ta' għajxien tiegħu ma humiex suffiċjenti biex ikun jista' jħallas għall-għajjnuna legali huwa stess. Din hija kwistjoni purament diskrezzjonali għal kull qorti u ma hijiex regolata minn xi linji gwida dwar l-eliġibbiltà finanzjarja. Il-qorti trid tkun sodisfatta wkoll li minħabba "l-gravità tal-akkuża" jew minħabba "ċirkostanzi eċċezzjonali" ikun essenzjali fl-interessi tal-ġustizzja li l-applikant jingħata għajjnuna legali. Iżda, meta l-akkuża tkun ta' omiċidju jew meta l-appell ikun wieħed mill-Qorti tal-Appell Kriminali lill-Qorti Suprema, l-għajjnuna legali tingħata biss fuq il-bażi ta' mezzi finanzjarji insuffiċjenti.

Applikant għall-għajjnuna legali bla ħlas jista' jkun meħtieġ mill-qorti biex jimla dikjarazzjoni tal-mezzi. Huwa reat li l-applikant b'mod konxju jagħmel dikjarazzjoni falza jew jaħbi xi fatti materjali bl-għan li jingħata l-għajjnuna legali. Dan ir-reat iġorr miegħu piena ta' multa jew priġunerija, jew it-tnejn.

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi

Ma hemmx limitu tad-dħul fir-rigward ta' kwereganti f'ċerti kawżi ta' vjolenza sesswali li japplikaw għall-għajjnuna legali mill-Bord tal-Għajjnuna Legali f'kawżi kriminali meta l-istorja sesswali preċedenti tal-kwerekant titqajjem fil-qorti mid-difiża.

Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-għoti ta' għajjnuna legali lill-vittmi

L-għajjnuna legali tingħata awtomatikament lill-kwerekanti f'ċerti kawżi ta' vjolenza sesswali. Kull vittma oħra trid

tissodisfa l-istess kriterji li japplikaw għall-popolazzjoni ġenerali.

Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-għoti ta' għajnuna legali għall-imputati

Ma hemmx iktar kundizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi għall-minorenni.

Proċedimenti tal-qorti mingħajr ħlas

Hemm eċċezzjonijiet għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti f'ċerti ċirkostanzi inklużi fi proċedimenti tal-liġi tal-familja u f'ċerti kawżi marbuta mal-minorenni. Għad-dettalji kollha taċ-ċirkostanzi meta t-tariffi tal-qorti ma għandhomx jitħallsu, ara [ordnijiet u eżenzjonijiet tat-tariffi](#) fis-sit elettroniku tas-Servizz tal-Qrati.

Meta trid tħallas l-ispejjeż il-parti telliefa lill-parti rebbieħa?

Id-deċizzjoni dwar l-ispejjeż hija fid-diskrezzjoni tal-qrati. Dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata f'konformità mar-regoli u l-prinċipji li huma stabbiliti sew derivati mill-ġurisprudenza tal-qrati. Pereżempju, l-ewwel regola hi li l-ispejjeż isegwu l-avveniment, jiġifieri l-parti telliefa tħallas l-ispejjeż tal-parti rebbieħa. Iżda dan hu suġġett għall-eċċezzjonijiet li jiddependu miċ-ċirkostanzi tal-kawża. Pereżempju l-parti rebbieħa tista' ma ġġibx lura l-ispejjeż kollha tagħha jekk il-qorti tkun tal-fehma illi hija dewmet jew tawlet il-proċedimenti mingħajr bżonn jew għalkemm tkun rebħet il-kawża tkun tilfet f'ċerti kwistjonijiet diskreti fil-kawża. F'ċerti kawżi bħal kawżi li jirrigwardaw kwistjonijiet kostituzzjonali u li jqajmu materji li jkunu ta' interess pubbliku l-parti telliefa tista' tirkupra l-ispejjeż kollha tagħha jew parti minnhom.

Onorarji tal-esperti

F'każ ta' għajnuna legali fil-qasam ċivili, il-Bord jistabbilixxi skala ta' onorarji li juża għal kategoriji diversi ta' esperti. Barra minn hekk, il-Bord għandu d-diskrezzjoni li juża onorarju speċjali meta r-rekwiżiti partikolari tal-kawża jeħtieġu li jitqabbad espert partikolari jew speċjalizzat. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-onorarju jiġi miftiehem individwalment mal-espert filwaqt li jitqiesu x-xogħol involut, il-livell ta' kompetenza meħtieġa u l-valur tal-kawża għall-persuna li tingħata l-għajnuna legali.

F'kawżi kriminali meta jkun ingħata ċertifikat tal-għajnuna legali, l-Iskema tal-Għajnuna Legali Għal Kawżi Kriminali testendi għall-ispejjeż xierqa u raġonevoli mġarrba mis-solicitor tad-difiża inklużi l-onorarji tax-xhieda esperti.

Onorarji tat-tradutturi u tal-interpreti

Fit-tilwim ċivili b'mod ġenerali, l-onorarji tat-tradutturi u tal-interpreti huma kwistjoni li tiġi miftiehma fl-ewwel istanza bejn it-tradutturi/l-interpreti u l-parti fit-tilwima inkwistjoni. Iżda, meta deċizzjoni tal-qorti tordna li l-ispejjeż ta' dik il-parti għandhom jitħallsu minn parti oħra l-onorarji li jitħallsu lill-traduttur/interpretu jkunu soġġetti għall-intaxxar (stima) minn taxing master (jiġifieri assessur tal-ispejjeż legali).

F'kull kawża li tinvolvi l-għajnuna legali fil-qasam ċivili, il-Bord iniedi kompetizzjoni ta' offerti u jagħżel minn fost l-organizzazzjonijiet li jagħmlu offerta.

F'kawżi kriminali meta jkun ingħata ċertifikat ta' għajnuna legali, l-Iskema ta' Għajnuna Legali Għal Kawżi Kriminali testendi għall-ispejjeż xierqa u raġonevoli mġarrba mis-solicitor tad-difiża inklużi l-onorarji għat-traduzzjoni jew għall-interpretazzjoni.

Annessi relatati

[Rapport tal-Irlanda dwar l-Istudju dwar it-Trasparenza tal-ispejjeż](#)  (400 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 18/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.